




PJATTAFORMA TAL-UE GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI TAT-TFAL

ASSEMBLEA ĠENERALI

Rapport



#EUChildParticipation





MIN HA SEHEM F'LIEM SESSJONI:

- Tfal ●
- Adulti li jakkumpanjaw ●
- Rappreżentanti tal-Istat Membri ●
- Parteċipanti adulti oħra ●
- Esperti tematiċi ●

Werrej

Introduzzjoni

Jum 1

Sessjoni tal-ftuħ ● ● ● ●

Merħba fil-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal!

Il-ħolqien ta' konnessjonijiet madwar l-Ewropa ● ●

Il-bini ta' konnessjonijiet u l-ħolqien ta' ħbiberiji

Il-ħolqien ta' konnessjonijiet bejn il-ġenerazzjonijiet ● ●

Nitgħallmu kif naħdmu b'mod sikur u sinifikanti flimkien mat-tfal

L-UE, jien u int ● ● ●

Esplora xi tfixxer għalik l-UE

Rapporti lill-Parlament Ewropew ● ● ●

Jum 2

Sessjonijiet ta' ħidma tematiċi ● ● ●

Diskussjoni ta' suġġetti importanti għat-tfal

Naqsmu t-tagħlim tagħna ● ● ● ●

Preżentazzjoni tal-ideat tat-tfal

Sessjoni tal-għeluq ● ● ● ●

Konkluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali

Punti ewlenin oħra

Il-passi li jmiss

Aktar informazzjoni

Introduzzjoni

Il-pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal organizza l-ewwel laqgħa kbira tagħha fi Brussell ma' tfal minn madwar l-Ewropa, biex:

- jiddiskutu l-kwistjonijiet importanti għalihom,
- jaqsmu aktar dwar l-Unjoni Ewropea (UE fil-qosor), u
- jikkellmu dwar kif it-tfal jistgħu jsawru l-futur u d-direzzjoni tal-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal (il-Pjattaforma fil-qosor).

Din il-laqgħa ssejthet l-Assemblea Ġenerali, u ġiet organizzata mill-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal li ttejjeg lit-tfal ikunu ċittadini attivi u membri ta' soċjetajiet demokratiċi.

58 tifel u tifla minn 16-il pajjiż Ewropew, u adulti li jaħdmu fl-UE u organizzazzjonijiet tad-drittijiet tat-tfal ġew Brussell għal-laqgħa.

Dan sar fuq jumejn, b'sessjonijiet ewlenin li kienu mmexxija b'mod konġunt mill-Bord għat-Tfal, u workshops iżgħar biex jiddiskutu suġġetti f'aktar dettall.

It-tfal qasmu wkoll is-suġġerimenti, l-opinjoni u l-ideat tagħhom dwar kif il-Pjattaforma tista' ttejjeb il-parteċipazzjoni tat-tfal madwar l-Ewropa.

Inħolqot [paġna apposta](#) għall-Assemblea Ġenerali fuq is-sit web il-ġdid tal-[Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal](#).



Jum 1

Sessjoni tal-ftuħ



Is-sessjoni tal-ftuħ tmexxiet b'mod konġunt minn membri tal-Bord għat-Tfal u rappreżentanti tal-UE:

Anas (id-Danimarka), **Aurora** (il-Litwanja), **Gabrielius** (il-Litwanja), **Maria** (ir-Rumanija), **Tala** (l-Iżvezja) u **Tea** (il-Kroazja) kif ukoll **Milan Brglez**, (Membru tal-Parlament Ewropew, Ko-president tal-Intergrupp tad-Drittijiet tat-Tfal tal-Parlament Ewropew), **Dubravka Šuica** (Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija u d-Demografija) u l-Kap tal-Kabinett tagħha, **Colin Scicluna**, **Ana Gallego** (Direttur Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi, Kummissjoni Ewropea - DG JUST), **Ingrid Bellander Todino** (Kap tal-Unità tal-Politika tad-Drittijiet Fundamentali, DG JUST).

Il-Bord għat-Tfal

huwa l-grupp ta' kokreazzjoni tal-Pjattaforma li l-kontribut siewi tiegħu jgħin fit-tiswir u l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma



Jum 1

Sessjoni tal-ftuħ



Dawk li jfasslu l-politika enfasizzaw l-importanza li t-tfal jingħataw vuċi:

- **Milan Brglez** qal li t-tfal iridu jkunu rappreżentati fl-Unjoni Ewropea sabiex ikunu jistgħu jaqsmu l-opinjoni tagħhom dwar problemi importanti bħat-tibdil fil-klima u s-sikurezza online.
- **Dubravka Šuica** fakkret lil kulħadd li l-parteciċipazzjoni tat-tfal hija dritt fundamentali u prijorità tal-UE. Dan ifisser li hija wegħda li l-UE, u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra għamlu lit-tfal. Il-pjattaforma issa qed tgħin biex titwettaq din il-wegħda kif miktub fl-[Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal](#).
- **Colin Scicluna** qal li meta kien tifel, huwa ħass li ma kienx jinstema' mill-adulti. Colin qasam il-kontenut tagħu minħabba li issa jista' jagħmel bidla u jiżgura li t-tfal jinstemgħu.
- **Ana Gallego** qasmet għaliex huwa tant importanti għat-tfal li jtkellmu u jesprimu l-opinjoni tagħhom: *"Qed titkellmu għal tfal oħra u qed titkellmu għall-verżjonijiet futuri tagħkom infuskom."*



Sessjoni tal-ftuħ

It-tfal parteċipanti qasmu r-raġuni għaliex il-Pjattaforma hija importanti għalihom:

- **Tala** (l-Iżvezja) qalet li l-għoti tas-setgħa liż-żgħażaġh u l-iżgurar tal-involvement attiv tagħhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet huma kruċjali. *"M'aħniex biss il-futur; aħna wkoll il-preżent. Ingħibu perspettivi u ideat ġodda, u għandna għarfien siewi x'nagħtu. Huwa importanti li niġu inklużi fis-soċjetà u li nsemmgħu leħinna fil-kwistjonijiet li jaffettwawna."*
- **Aurora** (il-Litwanja) qasmet l-esperjenzi personali tagħha tal-parteeċipazzjoni tat-tfal: *"Vjaġġ ta' elf mil jibda b'pass żgħir. L-Assemblea Ġenerali hija l-ewwel pass tagħna lejn il-Pjattaforma tal-UE għall-Parteeċipazzjoni tat-Tfal u lejn futur aħjar tat-tfal Ewropej."*
- **Anas** (id-Danimarka) irid li l-Pjattaforma tgħin lit-tfal ikollhom rwoli fil-komunitajiet tagħhom.
- **Maria** (ir-Rumanija) tittama li l-Pjattaforma timmotiva aktar tfal biex jissieħbu.
- **Kalina u Ralitsa** (il-Bulgarija) tkellmu dwar il-ħidma tagħhom ma' gruppi vulnerabbli u t-tama tagħhom li jitgħallmu dwar id-drittijiet tat-tfal biex ikunu jistgħu jgħinu lill-oħrajn aktar.

"Nittama li nistgħu niffurmaw konnessjonijiet ġodda u li n-nies se jkunu jistgħu jisimgħu leħinna għaliex għalkemm jista' jkun li ma nkunux kapaċi nagħmlu ħafna waħedna, ċerta li nistgħu nagħmlu ħafna flimkien." **Kalina.**

- **Radoslaw** (il-Polonja) ħeġġeġ lil kulħadd biex jaħseb dwar it-tolleranza: *"xi wħud minna qed jiġu injorati sempliċement għax ma nidhrux bħal kulħadd jew ma nikkonformawx għall-aspettattivi tas-soċjetà."*
- **Emanuele** (l-Italja) qal li l-Pjattaforma tista' ssir għodda b'saħħitha għat-tfal biex isemmgħu leħinhom fil-livell Ewropew, peress li tista' tilħaq lit-tfal fil-pajjiżi kollha, inklużi dawk mingħajr kunsilli tat-tfal.

Il-parteeċipanti ddeskrivew f'kelma waħda xi tfisser il-parteeċipazzjoni tat-tfal għalihom:



Jum 1

Il-ħolqien ta' konnessjonijiet madwarl-ewropa



F'din is-sessjoni ta' ħidma, it-tfal u l-adulti ħadmu flimkien biex jiżguraw li l-Assemblea Ġenerali tkun sinifikanti, inklużiva u sikura. It-tfal ħolqu b'mod konġunt regoli komuni ta' ħidma flimkien.

"Għandna bżonn nisimgħu lil xulxin jekk irridu li l-adulti jisimgħuna." **Flavio** (l-Italja)



Peress li ħafna tfal ma setgħux jattendu, it-tfal parteċipanti ħassew li kellhom jittkellmu għalihom infushom u għal tfal oħra wkoll.

ed nitkellem mhux biss għalija iżda għal tfal oħra f'Ċipru – tfal li mhux dejjem jilħqu l-aspettattivi u li mhux dejjem jinstemgħu jew jidhru." **Loizos** (Ċipru)

IL-#OLQIEN TA' KONNESSJONIJIET MINN ĠENERAZZJONI GĦAL OĦRA



Marie-Cécile Rouillon, Koordinatur tal-Kummissjoni Ewropea għad-Drittijiet tat-Tfal, Unità tal-Politika tad-Drittijiet Fundamentali, DĠ JUST

Ir-rappreżentanti tal-pajjiżi tal-UE ngħaqdu ma' workshop biex jitgħallmu kif jistgħu jgħinu lill-Pjattaforma tilħaq lit-tfal u tinvolvihom fl-attivitajiet tagħha f'pajjiżhom.

Marie-Cécile qasmet aktar dwar il-Pjattaforma, u x'tittama li tagħmel. Il-Pjattaforma għandha kważi 50 membru minn madwar 27 pajjiż tal-UE u qed tkompli tikber. Huwa importanti li r-rappreżentanti tal-pajjiżi tal-UE u organizzazzjonijiet oħra jxerrdu l-kelma biex jagħmluha aktar faċli għal aktar tfal biex jissieħbu fil-Pjattaforma.

Cath u Laura mexxew is-sessjoni u spjegaw għaliex il-parteċipazzjoni sinifikanti, inklużiva u sikura tat-tfal hija importanti.

"Il-parteċipazzjoni bbażata fuq id-drittijiet hija aktar minn komunikazzjoni tajba. Hija parteċipazzjoni bl-iskop li tiżgura li t-tfal jistgħu jinfluwenzaw l-ajjithom." Prof. Laura Lundy

Laura spjegat li l-Pjattaforma taħdem biex tiżgura li t-tfal jingħataw: Spazju, Vuċi, Udjenza u Influenza fl-attivitajiet kollha tagħha:



Cath enfazzzat li l-parteċipazzjoni tat-tfal hija proċess li jgħin biex isiru konnessjonijiet bejn it-tfal u l-adulti. Huwa għalhekk li huwa importanti li l-adulti dejjem jikkellmu mat-tfal u jżommu l-wegħdiet li jagħmlu lit-tfal. "L-adulti jistgħu jgħinu lit-tfal iġibu bidla li t-tfal jimpurtahom minna." Prof. Cath Larkins



Prof. Laura Lundy, Kodirettur taċ-Ċentru għad-Drittijiet tat-Tfal u Professur tal-Liġi tal-Edukazzjoni u d-Drittijiet tat-Tfal fl-Università ta' Queen's, Belfast u Professur tal-Liġi fil-Kulleġġ Universitarju ta' Cork.



Prof. Cath Larkins, espert indipendenti li taħdem ma' varjetà ta' NGOs, gvernijiet u universitajiet.

Jum 1

L-UE, JIEN U INT

Dan il-workshop tkellem dwar l-UE u xi tisser il-parteċipazzjoni fil-ħajja tal-UE.
Ir-rappreżentanti tal-pajjiżi tal-UE ġew biex jiddiskutu mat-tfal id-drittijiet tagħhom,
il-parteċipazzjoni tat-tfal u l-ħidma tal-gvernijiet nazzjonali.



X'ġie diskuss:

- Mhux il-pajjiżi kollha jismgħu lit-tfal bl-istess mod: ħafna m'għandhomx l-għodod it-tajba fis-seħħ biex jismgħu lit-tfal u ma jqsux l-ilħna tat-tfal importanti.
- Huwa importanti li l-gvernijiet kollha jiffukaw aktar fuq id-drittijiet tat-tfal.
- It-tfal jenħtieġ li jingħataw l-għodod biex jgħidu x'jaħsbu.
- It-tfal għandhom id-dritt għall-informazzjoni, mill-politika għal li jifhemu x'opportunitajiet hemm għalihom biex jinvolvu ruħhom.
- It-tfal huma esposti għal ħafna kwistjonijiet u sfidi li jenħtieġ li jkollhom vuċi dwarhom, inklużi s-saħħa mentali, il-bullying, id-dipendenza, l-intolleranza, is-sikurezza online, l-inklużjoni.

Soluzzjonijiet proposti:

- Huwa importanti ħafna li wieħed jeduka u jqajjem kuxjenza, pereżempju, biex l-irġiel żgħażaġh jiġu edukati dwar id-drittijiet tan-nisa u s-sikurezza tan-nisa.
- Nismgħu lill-oħrajn.
- L-involviment tat-tfal f'attivitajiet politiċi u fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali u lokali.
- Li jkollna aktar diskussjonijiet u li nkunu nistgħu nistaqsu mistoqsijiet rispettużi.



Jum 1

Żjara lill-Parlament Ewropew

Waranofsinhar tal-ewwel jum, it-tfal żaru l-Parlament Ewropew biex jitgħallmu
dwar l-istorja tal-UE u jaraw kif jaħdem il-Parlament Ewropew.



Jum 2

Sessjonijiet ta' ħidma tematiċi

Il-Jum 2 kien iddedikat għas-smiġ tal-ideat tat-tfal dwar il-Pjattaforma. F'workshops iżgħar, it-tfal eżaminaw tema u l-konnessjoni tagħha mal-parteċipazzjoni tat-tfal, u ssuġġerew ideat għall-attivitajiet tal-Pjattaforma.

It-tfal għażlu s-suġġett li sabu l-aktar interessanti u importanti.




Drittijiet tat-tfal

Din is-sessjoni ġiet iffaċilitata minn **Laura, Marie, Elisabeth** (tim tal-Pjattaforma), **Marta** (DG JUST) u **Oana Oana** (Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura, Kummissjoni Ewropea).

It-tfal għal Ewropa aktar ġusta u aktar ekoloġika

Din is-sessjoni ġiet iffaċilitata minn **Gabrielle, Noemi, Ingvild** (tim tal-Pjattaforma) u **Susanne** (Ċentru Konġunt tar-Riċerka, Kummissjoni Ewropea).



Sessjonijiet ta' ħidma tematiċi

Protezzjoni mill-vjolenza

Din is-sessjoni ġiet iffaċilitata minn **Katerina, Almandina, Henk** (tim tal-Pjattaforma) u **Marie-Cécile** (Koordinatur tal-Kummissjoni Ewropea għad-drittijiet tat-tfal, DĠ JUST).



Faqar fost it-tfal

Din is-sessjoni ġiet iffaċilitata minn **Katerina, Hanna, Lilla** (tim tal-Pjattaforma) u **Jiri** (Kap tal-Unità, Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, Kummissjoni Ewropea).

Hoġkien konġunt ta' konsultazzjonijiet

Din is-sessjoni ġiet iffaċilitata minn **Cath, Andrea, Ruth, Barbara** (Tim tal-Pjattaforma).



Naqsmu t-tagħlim tagħna

F'din is-sessjoni, kulħadd iltaqat flimkien biex jaqşam l-ideat tiegħu mis-sessjonijiet ta' hídma. It-tfal ippreżentaw is-suġġerimenti tagħhom lit-tfal u lill-adulti kollha fil-laqgħa.

Grupp 1 - Drittijiet tat-tfal

- Mhux il-pajjiżi kollha tal-UE jirrealizzaw id-dritt tat-tfal għall-parteċipazzjoni politika, għalhekk il-Pjattaforma tista' toħloq kampanja favur dan id-dritt madwar l-UE.
- L-età tal-vot jenħtieġ li titnaqqas għal 16-il sena, *"dawk ta' 16-il sena u ta' 17-il sena ma għandhom l-ebda mod kif iżommu lill-politiċi responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom, iżda jekk ikunu jistgħu jivvutaw, huma jistgħu jinfluwenzaw id-diskussjonijiet politiċi li jistgħu jbiddu haġġithom."* **Gabrielius** (il-Litwanja).
- Is-saħħa mentali hija problema li ma tafx fruntieri. Il-Pjattaforma tista' *"toħloq kampanja fuq il-midja soċjali biex tagħti liż-żgħażaġ il-fiduċja li għandhom bżonn biex jitolbu l-għajjuna u #inwaqqful-istigma."* **Maria** (ir-Rumanija).
- Id-drittijiet tat-tfal għandhom jitwettqu fl-educazzjoni:** Educazzjoni tajba hija dritt fundamentali għal kull tifel u tifla. *"Il-bidla li rridu naraw hija li t-tfal ikollhom programmi tal-iskola li jgħallmuhom ħiliet tal-ħajja li huma aktar utli."* **Andon** (il-Bulgarija).
- It-tfal jeħtieġu educazzjoni orjentata lejn il-prattika u ħin għall-iżvilupp personali. Is-sit web tal-Pjattaforma jista' jgħin lit-tfal jaqsmu l-fehmiet tagħhom. Il-Pjattaforma jenħtieġ li tkun viżibbli għall-għalliema sabiex ikunu jistgħu jtkellmu dwar dan mat-tfal fl-iskejjel u jagħmlu kampanji ta' informazzjoni. Il-Pjattaforma jenħtieġ li tkun ukoll għal dawk li jfasslu l-politika, sabiex ikunu jistgħu jaqsmu informazzjoni li tħeġġeġ il-parteċipazzjoni tat-tfal dwar suġġetti li jaffettwaw il-ħajja tat-tfal.



Grupp 2 - It-tfal għal Ewropa aktar ġusta u aktar ekoloġika

- Ilkoll qed ngħixu f'soċjetà li qed teqred il-pjaneta tagħna.** Il-Pjattaforma tista' tuża konsultazzjonijiet favur it-tfal biex tindirizza t-tibdil fil-klima, għaliex *"it-tfal għandhom id-destin tal-pjaneta f'idejhom."* **Marketa** (ir-Repubblika Ċeka).
- Nistgħu nagħmlu bidla permezz ta' diskussjonijiet ma' politiċi u webinars fejn it-tfal jistgħu jaqsmu l-fehmiet tagħhom. L-adulti *"għandhom it-tendenza li jaħsbu li t-tiżhin globali mhuwiex problema [...] Kultant jafu li hija problema, imma ma jafux kif jtkellmu dwarha."* **Radoslaw** (Polonja). L-appoġġ lill-adulti u lill-għalliema b'għodod u riżorsi speċjali huwa mod ieħor biex dan jiġi indirizzat.



Il-Pjattaforma jenħtieġ li *"tiffaċilita t-tagħlim reċiproku, iż-żjarat ta' studju u ż-żjarat bejn il-pari u l-laqqgħat. Dan huwa importanti għaliex in-nies fuq il-Pjattaforma jistgħu jħarsu lejn x'qed jagħmlu skejjel jew bliet differenti biex jgħinu fil-prevenzjoni tat-tibdil fil-klima."* **Katie** (l-Irlanda).

Naqsmu t-tagħlim tagħna

Grupp 3 - Protezzjoni mill-vjolenza

"Uħud mill-gruppi ewlenin f'riskju ta' vjolenza huma immigranti, nies ta' kulur u wkoll tfal fil-faqar." **Eva** (Spanja). Il-pjattaforma tista' tindirizza l-vjolenza kontra t-tfal permezz ta':

- Il-ħolqien u l-applowdjar ta' vidjos ta' informazzjoni biex titqajjem kuxjenza.
- L-organizzazzjoni ta' konsultazzjonijiet online u offline.
- L-istabbiliment ta' chat rooms sikuri biex jiċċettjaw ma' tfal oħra.
- L-iżvilupp ta' ktejjeb ta' informazzjoni u bullettini għall-ġenituri.
- L-involviment tat-tfal fl-iżvilupp tal-konsultazzjonijiet biex jitħejja pjan tal-Kummissjoni.



Grupp 4 - Il-faqar fost it-tfal

Il-faqar fost it-tfal jikkawża problemi fl-edukazzjoni, is-saħħa u l-akkomodazzjoni.

Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal hija eżempju wieħed ta' azzjoni li tgħin lit-tfal jiksbu aċċess għall-edukazzjoni, is-saħħa u l-akkomodazzjoni. Il-Pjattaforma tista' tgħin billi:

- L-organizzazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar l-edukazzjoni aċċessibbli u l-attivitàjiet ekstrakurrikulari għal kulħadd.
- Il-ħolqien ta' spazji sikuri għat-tfal biex jittkellmu ma' xulxin mingħajr ma ħadd jiġġudikahom.
- Ir-reklutaġġ ta' professjonisti (eż. psikologi) biex jagħtu pariri lit-tfal u lill-ġenituri.
- L-għajnuna lit-tfal biex jaqsmu l-esperjenzi fost tfal oħra.
- Il-ħolqien ta' spazju fuq is-sit web li jttkellmu dwar prattiki tajbin minn madwar id-dinja kollha li t-tfal jistgħu jikkontribwixxu għalihom, inkluż pereżempju ikel tajjeb għas-saħħa u post fejn it-tfal jistgħu jaqsmu r-riċetti.
- Assistenza lit-tfal biex jikkollegaw ma' esperti u ma' bordijiet konsultattivi nazzjonali għat-tfal u ż-żgħażaġħ.
- L-għoti ta' taħriġ għall-adulti biex jaħdmu mat-tfal biex jikkomunikaw u jifhm u aħjar il-ħtiġijiet tat-tfal.

"Jinħoloq kontenut li jiffaċilita l-ħolqien ta' avvenimenti bi tfal minn sfondi differenti, bħal tfal li jgħixu f'istituzzjonijiet u dawk fil-familji. Dan jippromwovi l-integrazzjoni tat-tfal imrobbija fl-istituzzjonijiet." **Antonis** (Ċipru)



Naqsmu t-tagħlim tagħna

Grupp 5 - Ħolqien konġunt ta' konsultazzjonijiet

Dan il-grupp ippreżenta kif il-konsultazzjonijiet organizzati mill-Pjattaforma jistgħu jkunu adattati u interessanti għat-tfal.

- "Il-konsultazzjoni jenħtieġ li tinvolvi ice breakers biex it-tfal ikunu aktar komdi." **Emily** (il-Bulgarija)
- Id-diskussjonijiet jenħtieġ li jiġu ffaċilitati minn xi ħadd li t-tfal ikunu jafuh.
- "Meta ssir intervista, huwa importanti li t-tfal ikunu jafu l-mistoqsijiet minn qabel." **Emily** (il-Bulgarija)
- Inkludi mistoqsija miftuħa li tippermetti lit-tfal jagħtu l-opinjonijiet tagħhom.
- Uża lingwaġġ sempliċi u uża ċ-chat biex tispjega l-attivitajiet u tiżgura li l-mistoqsijiet jinftiehm b'mod ċar.
- Uża ġugarelli kontra l-istress waqt il-konsultazzjonijiet.
- "Adatta l-attivitajiet kollha biex it-tfal b'diżabilità jkunu jistgħu jipparteċipaw." **Emily** (il-Bulgarija)
- Il-konsultazzjonijiet jenħtieġ li ma jdumux aktar minn 20-30 minuta, b'waqfiet bejn waħda u oħra.
- Inkludi kmamar breakout ta' bejn 6 u 9 tfal.
- Ħalli lit-tfal jagħżlu l-attivitajiet jew il-logħob li jixtiequ jużaw.



Jum 2

Sessjoni tal-għeluq



Is-sessjoni tal-għeluq tmexxiet b'mod konġunt minn membri tal-Bord għat-Tfal u rappreżentanti tal-UE:

- **Aurora** (il-Litwanja), **Georgi** (il-Bulgarija), **Naya** (in-Netherlands), **Tabassum** (in-Netherlands), **Tala** (l-Iżvezja), **Yassmin** (Spanja) u **Zahira** (Spanja).
- **Ewa Kopacz** (Viċi President u Koordinatur dwar id-drittijiet tat-tfal tal-Parlament Ewropew), **Minna Ljunggren** (Segretarju tal-Istat tal-Ministru Żvediż għas-Servizzi Soċjali), **Didier Reynders** (Kummissarju għall-Ġustizzja fil-Kummissjoni Ewropea), **Ana Gallego** u Ingrid Bellander Todino.



Sessjoni tal-għeluq

Tabassum, Yasmin u Zahira ġabru fil-qosor is-sessjonijiet u d-diskussjonijiet tal-jumejn. Tabassum irriflettiet dwar it-temi esplorati matul il-workshops u qalet li sabet id-diskussjoni dwar is-saħħa mentali importanti ħafna u appellat lill-adulti biex jisimgħu u jieħdu ħsieb it-tfal li qed ibatu.

Ewa Kopacz ħeġġet lit-tfal kollha biex jieħdu sehem b'mod attiv: *"Inti l-futur tal-Ewropa. Se tkun qed tiddeċiedi taħt liema liġi se tkun qed tgħix int u wliedek. Huwa għalhekk li huwa importanti li tibda taħseb u tiddiskuti dawn il-kwistjonijiet issa, diġà, ma' sħabek. Xejn mhu impossibbli."*

Minna Ljunggren tkellmet dwar kemm huwa importanti għat-tfal li jkunu ċittadini attivi. Bħala ċittadini attivi, it-tfal jistgħu jiltaqgħu ma' tfal oħra u jiddiskutu kwistjonijiet li huma importanti għat-tfal u għas-soċjetà.

Il-Kummissarju **Didier Reynders** irrikonoxxa l-għlieda tat-tfal fl-UE u kkondivida li l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Garanzija Ewropea għat-Tfal huma biss ftit eżempji li jgħinu lill-gvernijiet jagħmlu progress, jgħinu lit-tfal u jinvolvu aktar lit-tfal. *"Fil-Kummissjoni Ewropea aħna impenjati li nressqu lill-ġenerazzjoni żagħżugħa madwar il-mejda."*

Ana Gallego fakkret lil kulħadd li *"kull azzjoni li tiegħu l-Unjoni tagħna għandha tkun ispirata minn prinċipju sempliċi: m'għandniex nagħmlu ħsara lill-futur ta' wliedna, għandna nħallu d-dinja post aħjar għall-ġenerazzjoni li jmiss."* (**Ana Gallego**, tikkwota lil Ursula von der Leyen, il-President tal-Kummissjoni Ewropea).

L-indirizz finali sar minn Naya (l-Iżvezja) u Tala (in-Netherlands). Tala qalet li kienet kuntenta ħafna bl-enerġija u l-passjoni tat-tfal kollha. Naya qalet li hija ħasset li nġatet is-setgħa u tittama li kulħadd fil-kamra ħass hekk ukoll.

"M'intix biss il-futur iżda wkoll il-preżent, u leħnek, u l-impenn tiegħek huma importanti biex isawru dinja aħjar. Urina lkoll li l-età mhijiex limitu biex tinfluwenza bidla u tagħmel differenza."

"Setgħa liż-Żgħażaġħ!" - Tala



PUNTI EWLENIN OĦRA

Programm ta' filgħaxija

It-tfal kellhom l-opportunità li jesploraw Brussell matul is-soġġorn tagħhom. Huma marru l-Brussels Chocolate Tour, żjara bil-mixi taċ-ċentru tal-belt bi stejjer u leġġendi u daqu ċ-ċikkulata bnina ta' Brussell.



IL-PASSI LI JMISS

L-Assemblea Ġenerali kienet pass importanti fl-iżvilupp tal-Pjattaforma.

Is-suġġerimenti kondiviżi mit-tfal se jiġu kkunsidrati għall-Programm ta' Hídma tal-Pjattaforma. Il-Programm ta' Hídma huwa dokument qasir li se jgħid liema temi se tindirizza l-Pjattaforma u liema attivitajiet se torganizza u meta.

Il-Programm ta' Hídma se jgħin lit-tfal kollha jifhmu kif jinvolvu ruħhom fil-Pjattaforma.



AKTAR INFORMAZZJONI

Aqra aktar dwar l-Assemblea Ġenerali.

Ikseb ritratti mill-Assemblea Ġenerali.

Ara l-pakkett ta' merħba adattat għat-tfal.

Aqra aktar dwar il-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal.

Involvi ruħek u għidilna x'taħseb!

Lesti l-istħarriġ ta' konsultazzjoni tal-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal.

Stħarriġ għat-tfal kollha kien live sal-31 ta' Awwissu 2023. L-istħarriġ jistaqsi lit-tfal x'jenħieġ li jagħmlu l-adulti u l-UE biex it-tfal jinżammu sikuri.

Mur għar-riżultati tal-istħarriġ.

